**JUNIOR LYCEUM & SECONDARY SCHOOL**
**ANNUAL EXAMINATIONS 2003**
Educational Assessment Unit - Education Division

| FORM 5 | RELIĠJON | Ħin: 1 ¾ hrs |
|---|---|---|

ISEM: ______________________________ KLASSI: __________

**Taqsima A** **(30 marka)**

**Wieġeb fil-qosor:**

1. a. Semmi 2 profeti mit-Testment il-Qadim. (2 marki)
   b. Semmi 2 slaten mit-Testment il-Ġdid. (2 marki)

2. Fis-Sagrament tal-Magħmudija xi jfissru
   a. il-libsa l-bajda? (2 marki)
   b. ix-xemgħa? (2 marki)

3. X'ifissru l-ilma u ż-żejt fis-Sagramenti tal-Magħmudija u l-Griżma? (4 marki)

4. Għaliex min jixrob alkoħol żejjed m'għandux isuq? (2 marki)

5. Għaliex in-nisrani m'għandux jagħmel vandaliżmu fl-ambjent ta` madwaru? (2 marki)

6. Xi tfisser 'ċelibat'? (2 marki)

7. Min huma l-ministri tas-Sagrament taż-żwieġ? (2 marki)

8. Xi tfisser il-kelma 'vokazzjoni'? (2 marki)

9. Għaliex nieqfu mix-xogħol nhar ta' Ħadd? (2 marki)

10. Barra l-ġenituri min jista' jagħti sehem għall-ġid tal-familja? (2 marki)

11. Xi tfisser "aħna tempji ta' l-Ispirtu s-Santu"? (2 marki)

12. Marija qalet:"Is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar." X'riedet tfisser? (2 marki)

**<u>Taqsima B</u>** **(22 marka)**

**<u>Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.</u>**

1. Bis-Sagramenti tal-Magħmudija u l-Griżma ta' l-Isqof Alla jridna nkunu qaddisin: Għid x'tifhem b'dan il-kliem. (2 marki)

2. Fisser dawn it-titli mogħtija lill-Imqaddsa Marija:
   a. L-Immakulata Kunċizzjoni (2 marki)

   b. Marija Mtellgħa s-Sema (2 marki)

3. X'ifissru dawn il-kelmiet?
   a. Suwiċidju (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

   b. Omiċidju (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

   ċ. Piena tal-mewt (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

4. Għaliex jingħata s-Sagrament tal-Griżma tal-Morda? (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

5. Semmi Enċiklika li titkellem fuq ix-xogħol. (2 marki)

______________________________________________________________

6. Xi tfisser din il-frażi fis-sagrament taż-żwieġ:
   "Inħobbok tul ħajti kollha" (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

7. Agħti t-tifsira ta' dawn il-kelmiet:
   a. Adulterju (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

   b. Poligamija (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**<u>Taqsima Ċ</u>** **(Kull mistoqsija 24 marka. Total ta' 48 marka)**

**<u>Fuq karta separata wieġeb fit-tul għal TNEJN minn dawn l-erba' mistoqsijiet li ġejjin:</u>**

1. Alla għandu stima kbira lejna tant li għamilna wliedu u tana l-Ispirtu Tiegħu.
   a. Irrakkonta x'ġara nhar Pentekoste u uri x'bidla kbira seħħet fl-Appostli.
   b. X'bidla ġġib il-Magħmudija f'dawk li jirċevuha?

ċ. Fisser kif il-kuxjenza tista' tiġi mfixkla mill-injoranza, mill-emozzjonijiet, mid-drawwiet ħżiena u mill-konformiżmu.

d. Għid kif in-nisrani għandu jibni kuxjenza tajba.

2. Alla afda l-ħajja f'idejn il-bniedem biex jieħu ħsiebha u jkattarha.

   a. Irrakkonta żewġ mirakli fejn Ġesù għen il-morda u fejjaqhom.

   b. X'tgħallem il-Knisja dwar:

      (i) l-Abort (ii) l-Ewtanasja

   ċ. Inti bħala nisrani/ja kif iġġib ruħek quddiem persuna li trid tagħmel l-abort għax taf li t-tarbija se tkun diżabbli.

   d. F'Malta qed isiru ħafna attivitajiet favur il-ħajja. Semmi u ikteb nota qasira dwar tnejn minn dawn l-attivitajiet.

3. Ix-xogħol hu għall-bniedem u mhux il-bniedem għax-xogħol.

   a. Ġesù kien jaħdem. Irrakkonta żewġ ġrajjiet fejn naraw lil Ġesù jaħdem bla heda fost il-poplu.

   b. Ix-xogħol għandu bosta skopijiet (għixien, żvilupp…). Għid x'tgħallem il-Knisja dwar erbgħa minn dawn l-iskopijiet.

   ċ. Il-ħaddiem bħala xbieha t'Alla għandu drittijiet u dmirijiet.

      Spjega żewġ drittijiet u d-dmirijiet li jmorru magħhom.

   d. Bħala nisrani/ja inti kif tista' tagħti s-sehem tiegħek biex il-post tax-xogħol ma jkunx post ta' tbatija u dwejjaq?

4. "Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed." (Ġen 2, 23-24)

   a. X'wieġeb Ġesù meta staqsewh jekk ir-raġel jistax jitlaq lil martu?

   b. X'tgħid il-Knisja dwar:

      (i) id-divorzju

      (ii) is-separazzjoni

      (iii) id-dikjarazzjoni ta' nullità

   ċ. Fisser għaliex l-imħabba fiż-żwieġ għandha tkun

      (i) fil-moħħ

      (ii) fil-qalb

      (iii) fil-ġisem

   d. Iż-żwieġ jitlob tħejjija serja. Għid kif iż-żgħażagħ insara għandhom jippreparaw ruħhom għal dan is-Sagrament. (Ikteb fuq tliet punti dwar it-tagħrif u t-taħriġ biex jitħejjew tajjeb għaż-żwieġ.)